Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9294 — BMS/Celgene)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 219/07)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bristol-Myers Squibb Company, ("BMS", l-Istati Uniti),

— Celgene Corporation ("Celgene", l-Istati Uniti).

BMS takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Celgene.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BMS hija kumpanija globali tal-farmaċewtika bil-kwartieri tagħha fl-Istati Uniti. BMS hija involuta fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' mediċini innovattivi f'erba' oqsma terapewtiċi ewlenin: l-onkoloġija, il-mard awtoimmuni, il-mard kardjovaskulari, il-mard fibrotiku;

— Celgene hija kumpanija globali tal-farmaċewtika bil-kwartieri tagħha fl-Istati Uniti. Primarjament Celgene hija involuta fl-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' terapiji ta' terapiji innovattivi fl-onkoloġija u għall-mard awtoimmuni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9294 — BMS/Celgene

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").